MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2014

Appell Kriminali Numru. 167/2013

Il-Pulizija
(Spettur Maria Stella Attard)
vs
**Silvio Coleiro**
iben Philip, imwieled Zebbug, fil-21 ta’ Settembru, 1966, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 409166(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Silvio Coleiro quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fit-tlieta (3) ta' Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012), ghal habta ta' 0130hrs fi Triq il-Wied, Birkirkara u/jew f'dawn il-gzejjer:

1. saq jew ipprova jsuq jew kellu il-kontroll tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni KBF 426 fit-triq jew f’post pubbliku meta ma kienx f’kondizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;

talli fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Birkirkara, irrifjuta jew naqas li jaghti kampjun tan-nifs meta kien mitlub li jaghmel hekk skont il-ligi.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imsemmija persuna tigi skawifikata mill-licenzja kollha taghha tas-sewqan ghal perjodu ta’ zmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-9 ta’ April, 2013 fejn il-Qorti fuq ammissjoni sabet lil imputat hati taz-zewg imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u ikkundannatu ghal multa ta' elf u mitejn ewro (€1,200) pagabbli fuq medda ta' tnax-il xahar, liema perjodu ghandu jibda jidekorri minn l-ewwel ta' Mejju tas-sena kurrenti, fil-waqt li ssospendietlu l-licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' sitt xhur (6).

Rat ir-rikors tal-appellant Silvio Coliero tad-19 ta’ April, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata u dan billi filwaqt illi tikkonfermaha fil-parti fejn fuq ammissjoni, sabitu hati taz-zewg imputazzjonjiet migjuba fil-konfronti tieghu, thassaraha u tirrevokaha fil-parti tal-piena fejn ordnat is-sospenzjoni tal-licenzja tal-appellanti.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi dan l-appell qed ikun limitat biss ghal dik li hija l-piena li giet inflitta fuq l-appellant, u senjatament ghal-fatt li l-Ewwel Qorti ssospendietlu l-licenzja tas-sewqan tieghu.

Illi l-Ewwel Qorti ssospendiet il-licenzja ta' l-appellanti, u dan minkejja l-fatt illi hija ma setghetx taghmel dan ai termini tal-ligi, u dan peress illi l-prosekuzzjoni ma gabitx prova ta' kemm kien il-livell ta' alkohol fl-appellanti, peress illi l-istess appellant irrifjuta illi jissotometti ruhu ghall-istess, u fil-fatt instab hati li rrifjuta li jaghmel it-test tan-nifs.

Illi d-dispozizzjoni ta' l-artikolu 15H(2), tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa car u jipprovdi illi:

Izda fil-kaz ta' kundanna minhabba li persuna ma kienetx f'kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew ghal reat taht l-artikolu 15B, id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu ghandhom jghoddu biss fejn il-proporzjon ta' alkohol fin-nifs, fid-demm jew fl-urina jkun jaqbez il-limitu preskritt bi tmien mikrogramma jew izjed fin-nifs jew b' ghoxrin milligramma jew izjed fid-demm jew bi tlieta u ghoxrin milligramma jew izjed fl-urina.

Illi ghalhekk jerga jigi ribadit illi fid-dawl tal-fatt illi m'hemmx prova kemm kien il-livell ta' alkohol fl-appellant, peress illi huwa rrifjuta illi jissotometti ruhu ghat-test tal-kampjun tan-nifs, allura s-sospenzjoni tal-licenzja ma tapplikax ghal dan il-kaz, u konsegwentement il-Qorti ma setghetx tordna l-iskwalifika.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi mis-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fid-9 ta’ April, 2013 jirrizulta li bi zvista ma gewx indikati l-artikoli tal-ligi li bihom gie misjub hati l-appellant.

Illi dan in-nuqqas ta’ indikazzjoni ta’ l-artikoli tal-ligi skont l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jammonta ghal nuqqas ta’ formalita’ sostanzjali, sollevabbli mill-Qorti ‘ex officio’ anki jekk, kif gara f’dan il-kaz l-appellant ma jilmentax min-nullita’ tas-sentenza.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, u biex din il-Qorti ma tipprivax lill-appellant l-opportunita’ tad-‘doppio esame’, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tordna s-smiegh mill-gdid ta’ din il-kawza quddiem l-ewwel Qorti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------